MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 2516/1997/1

**Fogg Limited in rapprezentanza tas-socjeta estera Excess Insurance Company Limited kif surrogati fid-drittijiet tal-assikurat taghhom Max Micallef abbazi tal-polza tal-assikurazzjoni u tal-ligi**

**vs**

**Joseph Vassallo u b'digriet tal-10 ta' Awissu 1999 l-Avukat Dottor Beppe Fenech Adami u l-PL Liliana Buhagiar gew nominati kuraturi deputati biex jirrappresentaw l-eredita giacenti ta' Joseph Vassallo li miet fil-mori tal-kawza**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ippremettiet:-

Illi permezz ta’ sentenza moghtija fil-15 ta’ Ottubru 1992 (citazzjoni numru 1005/86 JSP) fil-kawza fl-ismijiet ‘Joseph Perici Calascione noe vs Christopher Vassallo’ (kopja tas-sentenza imsemmija hawn annessa u ezibita u mmarkata bhala Dok A) dina l-Qorti ikkundannat lill-konvenut Christopher Vassallo, iben il-konvenut odjern ghall-hlas lis-socjeta attrici odjerna (allura rapprezentata minn Joseph Perici Calasione) ghall-hlas tas-somma ta’ elfejn erba’ mija u tnejn u sebghin lira malitja u sitta u erbghin centezmu (Lm2472.46) bhala sorte, piu’ l-ispejjez kollha tal-kawza relattiva u interessi dekorribbli mid-data tan-notifika tac-citazzjoni relattiva sad-data tal-pagament effettiv;

Illi fil-kors tal-proceduri fuq imsemmija in forza ta’kuntratt datat 3 tal-Gunju 1987, fl-Atti tan-Nutar Clyde La Rosa (kopja tal-kuntratt imsemmi hawn anness u ezibit u mmarkat bhala Dok B), il-konvenut odjern Joseph Vassallo, ikkostitwixxa lilu nnifsu bhala garanti ghal ibnu Christopher Vassallo u dahal pienament “….. responsabbli ghal kanonizzazzjoni ta’ kwalunkwe kreditu derivat permezz tal-kawza hawn fuq imsemmija…..” u in granzija ta’ dan, l-istess konvenut odjern ipoteka l-beni tieghu kollha in generali, perzenti u futuri favur l-istess socjeta attrici odjerna;

Illi in segwitu ghas-sentenza moghtija fil-5 ta’Ottubru 1992 fuq imsemmija s-socjeta attrici ghamlet kull tentattiv sabiex tesegwixxi t-titolu ezekuttiv taghha fuq id-debitur principali Christpher Vassallo, izda f’dan ma kella ebda ezitu favorevoli u sal-lum, il-kreditu kollu lilha dovut, ghadu ghal kollox dovut;

Illi ghaldaqstant jenhtieg illi s-socjeta attrici issa tagixxi fil-konfront tal-konvenut odjern in kwantu garanti a tenur u effett tal-Ligi u konsegwentement responsabbli ghad-dejn kollu dovut minn ibnu Christopher Vassallo bhala rizultat tas-sentenza fuq imsemmija;

Illil-konvenut minkejja li gie interpellat anke permezz ta'ittra ufficjali sabiex ihallas l-ammont relattiv baqa' inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex:

Tikkundannah in kwantu garanti ta' ibnu Christopher Vassallo skond ir-ragunijiet u fatti fuq premessi, sabiex ihallas lis-socjeta attrici is-somma ta' elfejn erba' mija u tnejn u sebghin lira maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm2,472.46) dovuti bhala sorte, skond sentenza datata 5 ta' Ottubru 1992 minn dina l-Qorti fl-ismijiet "Joseph Perici Calascione noe vs Christopher Vassallo" (citazzjoni numru 1005/86 JSP) piu' l-ispejjez ta' l-attur noe fl-istess kawza, piu l-interessi dovuti mill-21 ta' Dicembru 1986 (data tan-notifika tal-istess att ta' citazzjoni);

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 28 ta' Jannar 1994 u tal-mandati kawtelatorji nurmi……/97 u…./97 u bl-interssi legali kontra l-konvenut li gie ukoll ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit :-

Illi preliminarjament l-azzjoni attrici hija nulla u irrita peress illi filwaqt illi l-att tac-citazzjoni sar mis-socjeta 'Fogg Limited' proprio id-dikjarazzjoni guramentata hija f'isem is-socjeta estera 'Excess Insurance Agency Limited';

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, jekk din il-kawza qed issir f'isem is-socjeta estera Excess Insurance Agency Limited allura ghandha qabel xejn issir prova tal-mandat li s-socjeta Fogg Limited tippretendi li ghandha biex tintavola din il-kawza;

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, il-gudizzju ma huwiex integru stante li fil-kawza kellu jigu ingunt id-

debitur principali Christopher Vassallo imsemmi fic-citazzjoni;

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju it-talba attrici hija intempestiva peress li hawn si tratta ta garazija sussidjara u mhux solidali u ghalhekk irid qabel xejn jie eskuzz id-debitur principali in virtu tal-beneficcju tal-eskussjoni spettanti lil-konvenut;

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, il-gudizzju ma huwiex integru ukoll peress li ai termini tal-artikolu 1323 tal-kodici Civili tali kawza trid issir kontra iz-zewg konjugi Vassallo li jirraprezentaw il-komunjoni tal-Akkwisti;

Illi subordinatament u minghajr predugizzju fil-meritu s-somma reklamata hija eccessiva peress illi id-debitur principali Christopher Vassallo hallas eluf ta' liri akkont tal-imsemmi debitu;

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, fil-meritu t-talba reklamata hija eccessiva peress illi tivvjola l-principju tal-'ultra duplum' fl-interessi reklamati;

Rat id-dikjarzzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-atturi tad-29 ta' Jannar 1999 li permezz taghha t-talba giet ridotta bis-somma ta' tlett elf lira maltin (Lm3000) imhallsin minn Christopher Vassallo fil-mori tal-kawza;

Rat id-digriet taghha (diversament presjeduta) tad-29 ta' Jannar 1999 li bih giet ordnata korrezzjoni fl-okkju;

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Mejju 1999 minn fejn jirrizulta li d-difensur tal-konvenut informa l-Qorti li l-konvenut miet fil-mori tal-kawza;

Rat id-digriet taghha (diversament presjeduta) tal-10 ta' Awissu 1999 li bih gew appuntati kuraturi deputati biex jirrappresentaw l-eredita' giacenti tal-konvenut Joseph Vassallo li miet fil-mori ta' din il-kawza;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti kuraturi deputati Dr Beppe Fenech Adami u PL Liliana Buhagiar nomine fejn gie eccepit illi huma mhumiex edotti mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza;

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess konvenuti kuraturi deputati nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota tal-atturi tal-14 ta’ Marzu 2001 li biha s-sorte gie ridott b’mitejn liri maltin (Lm200);

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Gunju 2003 minn fejn jirrizulta li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:-

Is-socjeta assikuratrici attrici, fic-citazzjoni, tippremetti li b’sentenza tal-15 ta’ Ottubru 1992 (citazzjoni numru 1005/86 JSP) fil-kawza fl-ismijiet “Joseph Perici Calascione noe vs Christopher Vassallo” l-konvenut Christopher Vassallo, li jigi bin il-konvenut f’din il-kawza, gie kundannat ihallas llis-socjeta attrici odjerna s-somma ta’ elfejn erba’ mija u tnejn u sebghin lira malitja u sitta u erbghin centezmu (Lm2472.46) bhala sorte, oltre l-ispejjez kollha tal-kawza u bl-imghaxxijiet dekorribbli mid-data tan-notifika tac-citazzjoni relattiva sad-data tal-pagament effettiv. Is-socjeta attrici tkompli tippremetti li b’kuntratt tat-3 tal-Gunju 1987, fl-Atti tan-Nutar Clyde La Rosa, il-konvenut odjern Joseph Vassallo, ikkostitwixxa lilu nnifsu bhala garanti ghall-imsemmi ibnu Christopher Vassallo u dana ghal kwalunkwe kreditu derivate mill-imsemmija kawza. Is-socjeta attrici ssosnti li ghamlet dak kollu possibli sabiex tesegwixxi l-imsemmija sentenza kontra d-debitur principali Christpher Vassallo, izda minnghajr ezitu favorevoli. B’hekk is-socjeta attrici trid li tagixxi fil-konfront tal-garanti cioe’ l-konvenut f’dawn il-proceduri. Ghalhekk is-socjeta attrici qed titlob li l-konvenut jigi kundannat ihallas lis-socjeta attrici l-imsemmija somma ta’ elfejn

erba' mija u tnejn u sebghin lira maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm2472.46) oltre l-ispejjez u oltre l-interessi dovuti mill-21 ta' Dicembru 1986 cioe' d-data tan-notifika tac-citazzjoni precedenti;

Rat in-nota tal-atturi tad-29 ta' Jannar 1999 u n-nota tal-istess atturi tal-14 ta' Marzu 2001 li permezz taghhom t-talba giet ridotta rispettivament bi Lm3000 u Lm200 imhallsin, skond l-istess socjeta attrici, minn Christopher Vassallo fil-mori tal-kawza;

Il-konvenut originali kien eccepixxa preliminarjament li l-azzjoni hi nulla peress ic-citazzjoni saret mis-socjeta attrici proprio, id-dikjarazzjoni hi f'isem is-socjeta estera 'Excess Insurance Agency Limited' u jeccepixxi ukoll li trid issir il-prova tal-mandat li s-socjeta attrici tippretendi li ghandha biex setghet intavolat din il-kawza. Il-konvenut inoltre eccepixxa li l-gudizzju mhux integru stante li kellu jigi citat ukoll id-debitur principali Christopher Vassallo u l-inempestivita' tal-azzjoni peress li si tratta ta garanzija sussidjara u mhux solidali u ghalhekk ghandu l-ewwel jigi eskuss id-debitur principali. Il-gudizzju lanqas ma hu integru peress li, ai termini tal-artikolu 1323 tal-Kodici Civili, il-kawza kellha ukoll issir mart il-konvenut. Is-somma reklamata hi eccessiva peress illi id-debitur principali Christopher Vassallo hallas certu ammonti u peress illi tivvjola l-principju tal-'ultra duplum' fl-interessi reklamati;

Il-konvenuti kuraturi deputati nomine eccipew biss li huma mhumiex edotti mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza;

Indubbjament iridu jigu esaminati ukoll l-imsemmija eccezzjonijiet tal-konvenut originali. B'digriet taghha (diversament presjeduta) tad-29 ta' Jannar 1999 giet sorvolata l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut originali. Anke t-tieni eccezzjoni giet sorvolata u dana in vista ta' dokumenti li gew esibiti mis-socjeta attrici;.

Ghar-rigward tal-eccezzjoni tal-konvenut dwar l-inempestivita' tal-azzjoni ghandu jinghad li l-konvenut hu biss garanti sussidjarju u mhux garanti solidali. Ghalhekk

ghandu l-ewwel jigi eskuss id-debitur principali Christopher Vassallo. Ghalhekk ukoll is-socjeta attrici ghandha fl-ewwel lok tipprova li sar dak kollu possibli sabiex tithallas l-ammonti in kwestjoni minnghand l-imsemmi debitur principali. Sussegwentement biss is-socjeta attrici tista tagixxi kontra l-garanti sussidjarju cioe' kontra l-konvenut. Jirrizulta li s-socjeta attrici ottjeniet il-hrug ta' diversi mandati kontra d-debitur principali. Dan pero' mhux bizzejjed. Ma jirrizultax jekk is-socjeta attrici setghetx tipprocedi u tesegwixxi kontra l-proprjeta tal-istess debitur principali. F'dan ir-rigward ma saret l-ebda prova u b'mod partikolari ma gewx prodotti ricerki li juru jekk i-debitur principali kellux proprjeta jew le;

F'dawn ic-cirkostanzi ma jirrizultax b'mod sufficjenti li qabel ma saru dawn il-proceduri, s-socjeta attrici eskutiet id-debitur principali. Ghalhekk din l-eccezzjoni ghandha tigi akkolta u konsegwentement il-konvenuti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju. Peress li l-imsemmija eccezzjoni ser tigi akkolta, mhux il-kaz li jigu esaminati l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenut originali;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa l-eccezzjoni tal-konvenut originali dwar l-inempestivita' tal-azzjoni u konsegwntement tillibera l-konvenuti kuraturi deputati mill-oservanza tal-gudizzju;

Spejjez kontra s-socjeta attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------